**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Lulju 2021;**

**Rikors nru: 226/21 AGV ;**

**AB u**
**CB**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt**,** datat 4 ta' Gunju 2021, fejn iz-zewg partijet, AB u CB, esponew bir-rispett:

1. Illi l-esponenti zzewgu nhar l-10 ta' Mejju, 2014, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg, immarkat, Dok A:

2. Illi minbarra li huma ormai ilhom legalment separate minn xulxin sa mit-30 ta' Dicembru tas-sena 2017, u dana permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar pubbliku Dr. Karin Bartolo LL.D., kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B, il-partijiet in oltre, iddikjaraw bil-gurament taghhom, li ilhom separati de facto sa mill-15 ta' Frar tas-sena 2017, skont ma jirrizulta mill-annessa dikjarazzjoni fl-atti tan-nutar pubbliku Dr. Carmel Gafa', kopja ta' liema qeghda tigi anness u mmarkata bhala Dok B;

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill-2017, huma ormai ghandhom hajja totalment seprata minn xulxin;

4. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-partijiet lill-parti l-ohra kwantu ghall-manteniment ghalihom li rrinunzjaw ghalih fi klawsola 2 tal-istess kuntratt, u lanqas ma hemm pendenzi kwantu ghall-manteniment tal-minuri uliedhom Kian;

5. Illi da parti taghha, ir-rikorrenti naqset milli tirreverti ghal kunjom xbubitha ghax illi issa li l-partijiet sejrin jaghmlu talba ghall-hall taz-zwieg taghhom, hija x-xewqa taghha li tirreverti ghal kunjoma xebba.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex:

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Tawtorizza lir-rikorrenti cb, tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ d;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, u bit-tibdil fil-kunjom tar-rikorrenti cb sabiex dawn jigu rregistrati fir-Registru Pubbliku.

**DECIDE:**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet , tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tawtorizza lir-rikorrenti cb , tirreverti ghal kunjom xbubitha.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep. Reg.** |